**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 502 / 2022 / 1**

**Il-Pulizija**

**vs**

**John-Mary Falzon**

**Illum 25 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra John-Mary Falzon, iben Emanuel u Concetta nee Theuma, imwieled nhar id-19 ta' Settembru 1956 u residenti 64 A, Triq sant'Enriku, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 616656M li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

Fl-4 ta' Settembru 2022 għall-ħabta tal-15.38hrs u l-ħinijiet ta' qabel waqt li kont fil-Menqa, Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex;

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi Awtorita' Pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza meta wahhal mal-windskrijn tal-vettura ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LAB 742 diska tal-licenzja tac-cirkolazzjoni b'numru K635115 ffalsifikata billi turi skadenza DEC22 u dan bi ksur tal-Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli nhar l-4 ta' Settembru 2022 ghal habta tal-15.38hrs u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien  Marsalforn Ghawdex u ukoll fi-gzira t'Ghawdex saq vettura ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LAB742 minghajr licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Transport f' Malta u dan bi ksur tar-Reg.13(2)L.S.368.02.
3. Aktar talli fl-istess hinijiet, lok u cirkostanzi kisser tabella b'sinjal li juri li ma hemmx dhul u dan kif indikat f'Parti II A (4) tal- L.S.65.05.

Il-Qorti qeghda tigi gentilment mitluba li f'kas ta' htija tissospendi kull liċenzja tas-sewqan lil hati ghal żmien li l-Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Novembru, 2023, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuża u wara li rat l-Artikoli 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Taqsima II, para A (4) tal-L.S. 65.05 u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 qed tikkundanna lill-John Mary Falzon fir-rigward tal-ewwel akkuża għal piena ta' priġunerija għal żmien erba' xhur li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna li s-sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perjodu ta' sena mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija filwaqt li fir-rigward tat-tielet akkuża għal *ammenda* ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75), filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John-Mary Falzon preżentat fis-16 ta' Novembru 2023.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

<u>L-Ewwel Aggravju. Interpretazzjoni zbaljata tal-ligi</u>.

Illi l-imputat kien akkuzat talli nhar l-4 ta' Settembru, 2022 ghal habta tal-15.38 hrs u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien fil-Menqa, Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex:

1) Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, meta wahhal mal-windskrijn tal-vettura ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni **LAB742** diska tal-licenzja tac-cirkolazzjoni b'numru K635115 iffalsifikata billi turi skadenza Dec 22 u dan bi ksur **tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Onorabbli Qorti tat ragun lid-difiza tal-imputat fis-sens illi l-Artikolu indikat fl-ewwel akkuza li kien Artiklu 188 tal-Kap 9 Ligijiet huwa Artikolu citat hazin. Dan peress illi skond l-appellant, il-prosekuzzjoni kellha ticcita Artiklu/jew Artikli iehor/ohrajn illi huma Artiklu 183, u/jew Artiklu 184 u/jew 186 u/jew 188 u/jew Artiklu 189 tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta.

Illi l-licenzja imwahla mal-windskrijn tal-vettura ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LAB742 fid-diska tal-licenzja tac-cirkolazzjoni huwa dokument pubbliku. Illi fil-fehma umli tal-appellant, hemm artikoli ohra ***ad hoc*** applikabbli ghall kaz in ezami u mhux l-Artikolu 188 Kap 9 kif wara kollox qablet ukoll l-istess Onorabbli Qorti. Il-prosekuzzjoni kellha ghazla ta' Artikli ohra kif qed jigu citati hawn u imsemmija mill-appellant fl-umli fehma tieghu.

Apparti minn hekk, l-ewwel akkuza hija talli fic-cirkustanzi imsemmija fl-ewwel akkuza cioe` "*.... meta wahhalt mal-windskrijn tal-vettura ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni* **<u>LAB742</u>** *diska tal-licenzja tac-cirkolazzjoni ….*". In-numru tal-vettura Van Transit huwa kwotat hazin fl-ewwel akkuza ghaliex gie imnizzel bhala LAB 742 meta fil-fatt in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura fuq il-pjanci tar-registrazzjoni tal-Van Transit u d- diska tal-licenzja tac-cirkolazzjoni huwa **<u>LAB 724</u>**. Fi kliem iehor, l-ahhar zewg numri fl-ewwel akkuza huma maqlubin, fis-sens illi kellu jinkiteb fl-ewwel akkuza n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura LAB724 u **<u>mhux LAB 742</u>**. Dan johrog car kemm mir-ritratt tad-diska tal-licenzja tac-cirkolazzjoni **Dok JG1** u anke mir-ritratt tal-vettura **Dok JG2** a fol 18 u 19 tal-process illi ipprezenta P.S. 1040 John Grima.

Barra minhekk,_hemm kunflitti kbar fil-provi fuq in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura van Transit li johorgu minn dokumenti ohra fil-process bhal l-ircevuta tal-Pulizija meta huma hadu l-*circulation Tag serial number* K635115 illi turi numru tar-registrazzjoni tal-vettura van Transit differenti (i.e. LAB 724 u mhux LAB 742) min dak illi hemm fl-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni, l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura van Transit li turi LAB 724 u mhux LAB 742 mahruga f'isem l-akkuzat minn Global Insurance brokers a fol 22 tal-process, ir-rapport tal-PIRS 12/POL/4108/2022 a fol 23 sa 24 tal-process u datat 4 ta' Settembru, 2022 illi juri numru differenti tar-registrazzjoni tal-vettura van Transit (i.e. LAB724 u mhux LAB 742) mill-ewwel u t-tieni akkuza migjuba mill-prosekuzzjoni, l-affidavit ta' PC 592 Nathan Joe Portelli illi juri numru differenti (i.e. LAB724 u mhux LAB742) fuq il-pjanci tar-registrazzjoni tal-vettura van Transit mill-ewwel u t-tieni akkuza migjuba mil-prosekuzzjoni wkoll, ix-xiehda moghtija minn PS 1040 tat-28 ta' Gunju, 2023 illi huwa jsemmi fiha numru differenti (i.e. LAB 724 u mhux LAB 742) fuq il-pjanci tar-registrazzjoni tal-vettura van Transit mill-ewwel u t-tieni akkuza, is-circulation disk mehuda minn fuq il-van immarkat bhala **Dok JG a fol 34 (**i.e. LAB724 u mhux LAB 742), l-affidavit ta' Pc 76 Joseph Cini illi huwa jsemmi numru differenti (i.e. LAB 724 u mhux LAB 742) fuq il-pjanci tar-registrazzjoni tal-vettura van Transit mill-ewwel u t-tieni akkuza illi huwa LAB 724 u mhux LAB 742, Dok SF a fol 38 u 39 tal-process illi juri numru differenti li huwa LAB 724 u mhux LAB 742, ix-xiehda ta' Savviour Farrugia moghtija fit-2 ta' Novembru, 2023 fejn huwa jsemmi "*Il-vettura bin-numru LAB724 Ford Transit , qieghda fuq Joh-Mary Falzon ID 616656M…*"

Fil-kawza Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D. deciza fil-15 ta' Jannar, 2013 kaz Numru. 760/2001 **Il-Pulizija (Supretendent Raymond Zammit u Spettur Mario Bonello) vsCarmelo Antonio Bianco** residenti fil-fond Flat 4, Highway Flats, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 44368M, l-Onorabbli Qorti qalet :-

> "*Illi ma ngabet ebda prova li fil-fatt kien l-imputat li kien iffalsifika l-istess licenzja. Pero in kwantu l-imputat kien baqa' responsabbli ghall vettura de quo, li allura kienet tghajjat lilu (vide xhieda ta' Brian*

*Farrugia), kien responsabbli ghall-uzu tal-licenzja kif misjuba fuq il-vettura DAE802, vide xhieda ta' Raymond Zammit.Issa fir-rigward tal-vettura DBC352, verament din kienet tghajjat lil certu Raphael Baldacchino, pero anke din kienet fil-pussess ta' l-imputat, ghall-bejgh b'dokument ghal kollox alterat, Dok RZ1.*

*.......Illi tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>in kwantu ghall-uzu ta'dokument falz</u>, anke ghax bla dubbju ta' xejn il-qerq u l-falsita' tad-dokumenti RZ u RZ1, ma jistghu qatt ikunu in kontestazzjoni."*

Ghalhekk, skond din is-sentenza, il-prosekuzzjoni kellha tiprova u fil-fatt ma gabet l-ebda prova li fil-fatt kien l-imputat li ffalsifika l-istess licenzja. Izjed minhekk, il-prosekuzzjoni utilizzat ruhha mill-Artikolu 188 Kap 9 illi fil-fehma tal-appellant huwa l-Artiklu il-hazin. Dan ghaliex skond din is-sentenza **<u>Il-Pulizija (Supretendent Raymond Zammit u Spettur Mario Bonello) vs Carmelo Antonio Bianco</u>**, il-prosekuzzjoni kellha tutilizza l-Artikolu 184 Kap 9 Ligijiet ta' Malta, in kwantu ghall-uzu ta'dokument falz.

Illi skond l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza, skond is-sentenza taghha tat-2 ta' Novembru, 2023, l-Onorabbli Qorti qalet "*Il-prosekuzzjoni bbazat l-ewwel akkuza fuq l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jinnecessita elementi differenti minn dawk prodotti f'din il-kawza."* Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti qalet hazin meta semmiet illi l-prosekuzzjoni bbazat l-ewwel akkuza fuq **<u>l-Artikolu 189</u>** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghax fil-verita`, l-prosekuzzjoni bbazat l-ewwel akkuza **<u>fuq l-Artikolu 188</u>** tal-Kap 9 u mhux fuq Artikolu 189 tal-Kap 9.

Illi fil-kaz citat mill-Onorabbli Qorti, fil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 t'Awwissu, 2006 numru 119/2006 **<u>Il-Pulizija vs Patrick Vella</u>**, l-istess kwotazzjoni citata tghid;-

*"….u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat.. (App. Krim. "Il-Pulizija vs Ignatius Joseph Fenech" 04/08/2006 u ohrajn)"*.

Bir-rispett kollu, jekk wiehed jara l-istess kwotazzjoni illi kkwotat l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi l-importanti huwa illi bl-uzu tad-dicitura jew il-kliem uzat imsemmija fic-citazzjoni, ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. Bl-ikbar rispett, fil-kaz in ezami, l-akkuzat **qatt** ma seta` jkun jaf bizzejjed ezatt bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat u dan ghaliex id-dicitura jew il-kliem ezatt fic-citazzjoni fl-ewwel akkuza u t-tieni akkuza inghataw numru hazin tar-registrazzjoni tal-vettura Van Transit illi suppost tnizzel mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni LAB 724 u mhux LAB 742. Fi kliem iehor, l-akkazat illum appellant ma jippossedix u mhux il-persuna illi ghandu fuq ismu il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni fuq il-pjanci LAB 742. Imma l-vettura tieghu il-Van Transit ghandha n-numru tar-registrazzjoni taghha LAB 724.

Illi bir-rispett kollu, fit-tieni kaz citat mill-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza, igifieri **Il-Pulizija vs Frank Borg** moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Marzu, 1954, huwa kaz kwotat hazin u ma japplikax ghall kaz in ezami. Dan ghaliex l-ewwel nett, saru tibdiliet drastici minn meta dan il-kaz gie deciz u dan ghaliex kien hemm tibdiliet kbar fil-legislazzjoni kriminali mis-sena 1954, is-sena meta il- Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza taghha f'dan il-kaz kwotat mill-Qorti. Dawn it-tibdiliet huma legislazzjonijiet u emendi drastici, bhal fil-kaz in ezami tal-lum, illi fil-kaz tal-Artikolu 188 Kap 9 kien hemm **emenda bl-Att XIII tas-sena 1980.4** kif jindikaw l-istess noti marginali tal-istess Artiklu 188 migjub mill-prosekuzzjoni fl-ewwel akkuza. Dan biex ma nghidux avvanzi legali ohra fil-kamp kriminali illi mhumiex ftit mis-sena 1954 sas-sena 2023.

Raguni ohra ghaliex din is-sentenza mhix applikabli ghall kaz in ezami hija illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali issemmi li *"…**fil-gudizzji sommarji…**"*. Bir-

rispett kollu, sa ftit snin ilu, iffalsifikar ta' dokument pubbliku, kif hija licenzja ta' registrazzjoni li tehel mal-windscreen ta'vettura, kif jindika l-istess **Sub-Titolu II FUQ IL-FALSTFIKAZZJONI TA' SKRITTURI OĦRA PUBBLIĊI JEW PRIVAT** kienet taqa` fil-procedimenti Fil-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja u mhux fil-gudizzji sommarji (igifieri Fil-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) kif hemm imnizzel fil-kaz citat. Ghaldaqsant, dan il-kaz kwotat mill-Onorabbli Qorti mhux aplikabli ghall kaz odjern. Ghalhekk, fil-fehma umli tal-akkuzat, huwa ma kellux jinstab hati tal-ewwel akkuza.

**It-Tieni Aggravju. Nuqqas ta' apprezzament mill-Onorabbli Qorti tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti u apprezzament mhux korrett bizzejjed mil-Qorti tal-Prim Istanza tal-provi migjuba u kunflitt tal-fatti u tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni**.

Illi kif intqal izjed qabel fl-ewwel aggravju, l-Onorabbli Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni u lanqas kienet korretta fl-apprezzament tal-provi kollha migjuba quddiema. Sahansitra intwera illi kien hemm kunflitt shih tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, specjalment dwar in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura Van Transit kif issemma iktar qabel fl-ewwel aggravju.

Ghar-rigward it-**tielet akkuza** hemm fatti u provi illi l-Onorabli Qorti naqset illi tinnota u tapprezza izjed il-fatti kif migjuba mill-prosekuzzjoni. Id-dokumentipprezentat minn PS 1040 John Grima immarkat bhala **Dok JG3** a fol 20 tal-process juri ritratt ta' tabella li turi Pedestrian Zone, no parking at all times Un/Loading Or To render a service 04.00-12.00 17.00-18.00 Except for drop off/pick up Boat owners/Operators, Divers, residents & Hotel Residents, Blue Badge Holders Public Transport.

L-ewwel nett, l-akkuza numru tlieta tghid 3. *Aktar talli fl-istess hinijiet, lok u cirkostanzi ksirt tabella b'sinjal li juri li ma hemmx dhul.* Il-hinijiet tal-akkuza numru tlieta huma l-istess hinijiet tal ewwel u t-tieni akkuza cioe` 15.38 hrs (3.38 p.m.). Dunque, il-pedestrian zone mhix zona pedonali assoluta ghaliex hemm hafna eccezzjonijiet. Il-hinijiet ta' filghaxija jibdew 17.00 u jispiccaw 18.00hrs.

Il-hin tal-akkuza numru tlieta kienet fil-15.38 hrs (3.38 p.m.) u dan juri illi l-van dahlet qabel il-5.00 p.m. (ta' filghaxija) u ghalhekk il-hin tad-dhul tal-van kien qabel dak il-hin tat-tabella. It-tieni ragunament huwa illi l-prosekuzzjoni ma gabitx prova illi l-imputat dahal sabiex ihott jew jghabbi xi oggetti. Lanqas il-pulizija involuti fil-kaz ma staqsew lil akkuzat jekk huwa dahalx sabiex ihott jew jghabbi xi oggetti. L-akkuzat lanqas gie mistoqsi jekk huwa irrendiex xi servizz f'dik iz-zona u l-prosekuzzjoni lanqas gabet prova illi l-imputat ta' xi servizz il-gewwa min dik it-triq partikulari.

Raguni ohra ghaliex l-Onorabli Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-provi migjuba u lanqas kienet korretta fl-apprezzament tal-provi prodotti mix-xiehda illi xehdu f'dan il-procediment kriminali u evidenza ohra hija illi l-akkuzat kellu u ghad ghandu problemi ta' mobilita u dan johrog mir-rikors tal-kunsulent legali tal-akkuzat datat 15 ta' Dicembru, 2022. F'dan ir-rikors intalab lil Onorabbli Qorti illi l-esponent huwa bniedem anzjan li ghandu ragunijiet ta' sahha. Gie intavolat rikors iehor datat 13 ta' Jannar, 2023 ghan-nom tal-akkuzat fejn peress illi fil-15 ta' Dicembru, 2022 huwa gie ikkundannat ihallas multa ta mija u hamsin ewro (150 ewro) u fil-fatt l-Onorabbli Qorti hafret il-multa u rrevokat l-istess multa hekk imposta u dan kif intqal izjed qabel, ghaliex l-akkuzat kellu u ghad-ghandu problemi ta' mobilita` b'interventi medici u fil-fatt huwa juza kontinwament l-ghajnuna tal-bastun.

Raguni ohra ghaliex l-akkuzat ma kellux jinstab hati tat-Tielet akkuza hija fl-ebda hin u l-ebda membru tal-korp tal-Pulizija jew xiehda ohra migjuba mill-prosekuzzjoni ma raw lil imputat diehel il-gewwa miz-zona pedonali u jipparkja l-vettura tieghu. Ghaldaqstant, ghall dawn ir-ragunijiet kollha u fl-umli fehma tal-akkuzat, huwa ghandu ma jinstabx hati tat-tielet akkuza.

<u>It-Tielet Aggravju. F'kaz illi l-Qorti ma tilqax l-l-ewwel u t-tieni aggravju, jew tilqahom limitatament, l-Onorabli Qorti tal-Appell ghandha tapplika piena iktar mita u inqas harxa.</u>

Illi l-imputat huwa anzjan u bi proplemi kbar ta' mobilita` u jiggestixxu xoghol ta' tragitt ta' passiggieri bl-ghajnuna ta' ibnu permezz ta' numru ta' minibuses illi ghandhom. Illi l-Onorabbli Qorti ikkundannat lill-imputat ghall rigward tal-ewwel

akkuza **ghal piena ta' prigunerija ghal zmien erba` xhur li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ordnat li s-sentenza m'ghandhiex tibda issehh hlief jekk, matul dak il-perijodu ta' sena mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija** filwaqt li fir-rigward **tat-tielet akkuza ikkundannatu ghal ammenda ta' hamsa u sebghin Ewro (€75)**, filwaqt li illiberatu mill-bqija igifieri mit-Tieni akkuza.

Illi peress illi l-imputat ghandu xi vetturi illi qed jigu uzati minnu u minn ibnu stess ghat-tragitt tal-passiggieri, jista jkun illi minghajr konoxxenza tieghu, ibnu jikkommetti xi reat bil-vetturi tal-akkuzat u konsegwentament l-akkuzat isib ruhu ikkundannat ghall xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija u li jkun responsabli ghall dak ir-reat bhala sid ta' dik il-vettura. Raguni ohra hija illi skond l-akkuzat, ibnu qieghed isib diffikultajiet u problemi godda fil-hajja tieghu, bhal dipendenzi u ghalhekk l-akkuzat qieghed jibza illi jista jkun illi jispicca ihallas qares ghall xi reat illi ibnu jista idahhlu fih u jispicca bil-piena ta' prigunrija ghall erba` xhur li jistghu jigu minn sospizi ghall effettivi.

Ghall dawn ir-ragunijiet kollha, l-appellant umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex is-sentenza tal- l-Hamis 2 ta' Novembru, 2023 moghtija fil-konfront tieghu mill-Onorabbli QORTI TAL-MAĠISTRATI (Ghawdex) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI Mag. Dr. Leonard Caruana LL.D. I**l-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri vs John-Mary Falzon (K.I.616656M)** fejn huwa gie misjub hati u ikkundannat mill-Qorti tal-ewwel u t-tielet akkuza ikkundannat lill-John Mary Falzon fir-rigward tal-*ewwel akkuza* **ghal piena ta' prigunerija ghal zmien erba` xhur** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ordnat li s-sentenza m'ghandhiex tibda issehh hlief jekk, **matul dak il-perijodu ta' sena mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija** filwaqt li fir-rigward *tat-tielet akkuza* ikkundannatu ghal hlas ta' **ammenda ta' hamsa u sebghin Ewro (€75)**, filwaqt li illiberatu *mit-tieni akkuza*.

**Ghall dawn ir-ragunijiet, l-appellant John Mary Falzon ghandu jigi illiberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u jigi mehlus minn kull piena.**

Ghaldaqstant, l-appellant filwaqt li jinterponi dan l-umli appell mis-sentenza fuq imsemmija, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex tirriforma s-sentenza appellata moghtija fit-2 ta' Novembru, 2023 mill-Onorabbli Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali Magistrat Dr Leonard Caruana LL.D.(Melit.); M.A. (Fin. Serv.) numru 502/2022 LC Il-PULIZIJA (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs John-Mary Falzon (K.I.616656M) billi :-

(1) **Thassar u tirrevoka** s-sentenza moghtija fis-02 ta' Novembru 2023 fil-konfront tal-appellant John Mary Falzon skond il-ligi mill-Onorabbli Qorti Tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali Magistrat Dr Leonard Caruana LL.D.(Melit.); M.A. (Fin. Serv.) numru 502/2022 LC Il-PULIZIJA (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs John-Mary Falzon (K.I.616656M) fejn sabet htija fil-konfront tal-imputat John Mary Falzon tal-ewwel u t-tielet akkuza u ikkundannat lill-John Mary Falzon fir-rigward tal-ewwel akkuza ghal piena ta' prigunerija ghal zmien erba` xhur li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ordnat li s-sentenza m'ghandhiex tibda issehh hlief jekk, matul dak il-perijodu ta' sena mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija filwaqt li fir-rigward tat-tielet akkuza ghal ammenda ta' hamsa u sebghin Ewro (€75), filwaqt li illiberatu mill-bqija cioe`t-tieni akkuza u sabiex ghalhekk **tikkancella** s-sentenza ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u **tillibera** lill-appellant mill-ewwel u t-tieni akkuza u tilliberah min kull piena u **tikkonferma** il-liberazzjoni tieghu mit-tieni akkuza.

(2) **Jew olternattivament**, sabiex fil-kaz li din L-Onorabbli Qorti Tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ma tilqax l-ewwel (1) u/jew t-tielet (3) talba, **tirriforma/tvarja** s-sentenza billi **thassarha u tirrevokaha** u tipprovdi piena iktar mita, idonea, iktar xierqa u inqas harxa skond ic-cirkostanzi mill-piena ta' **prigunerija ghal zmien erba` xhur** li, bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 28A** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ordnat li s-sentenza m'ghandhiex tibda issehh hlief jekk, matul dak il-perijodu ta' sena mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija filwaqt li fir-rigward tat-tielet akkuza ghal ammenda ta' **hamsa u sebghin Ewro (€75)**, filwaqt li qed tilliberah mill-bqija i.e. it-tieni akkuza u ghalhekk l-istess Qorti **tikkonferma** l-liberazzjoni tal-akkuzat fir-rigward tat-Tieni akkuza.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu ta dan ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024.

Rat li din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza .

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant fir-rikos tal-appell tieghu isostni li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzamnt tajjeb tal-fatti u dan ghaliex fl-ewwel lok hemm kunfizjoni shiha dwar in-numru tal-karozza li kellu nhar l-4 ta' Settebru, 2022 meta kien Marsalforn u fit-tieni lok l-proskeuzzjoni ma resqet l-ebda prova li kien l-appellant stess li ghamel din il-falsifikazzjoni meta allegatament wahhal mal-windscreen tal-vettura Ford Transit sika tal-licenzja tac-cirkolazzjoni b'numru K635115 biex turi skadenza DEC22. Fit-tielet lok lanqas mal-proskeuzzjoni pprovat li kien l-appellant li dahal fl-inhawi tal-Menqa, Marsalforn meta kien hemm sinjal li juri li ma hemmx dhul f'dik l-ekwata.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tifli sew il-provi migbura qabel ma tibda tittratta l-aggravji tal-appellant.

Rat l-affidavit ta' **PS 1040 John Grima** pprezentat mill-prosekuzzjoni nhar l-10 ta' Marzu, 2023[1]. Dan spjega li nhar l-4 ta' Settembru ghall-habta tat-15.45 pm waqt li kien fil-HUB CPT Marsalforn gie nfurmat li minuti qabel waqt li PC 76 Cini u PC 592 Portelli, membri tal-pulzija tal-Komunita kienu fuq ronda l-Menqa, Marsalforn osservaw vam Transit numru ta' registrazzjoni LAB 724 pparkjat fuq slip way u f'zona li ma jsitax jsir pparkjar peress li hi zona pedonali u li x'hin marru jiccekkjaw halli johorgu tahrika nnutaw li l-licenzja tac-cirkolazzjoni li kellu imwahla n-naha ta fuq tax-xellug tal-windscreen kienet imbaghbsa. Infurmawh ukoll li mill-ewwel stharrig li ghamlu rrizultalhom li l-licenzja ta' cirkolazzjoni tal-vettura LAB 724 ma kienitx

[1] Fol. 12 ta' l-atti

imwahla ghas-sena korrenti. Huwa nizel il-Menqa u ghamel ghassa mal-vetturi halli jara min kien ser jmur ghaliha.

PC 592 Portelli ha ritratt tal-licenzja tac-cirkolazzjoni imwahla mal-windscreen li giet prezentata minnu u markata bhala dok JG1[2].

Ftit tal-hin wara nnota zewg persuni li wiehed minnhom fetah il-van. Avvicinah minnufih u nfurmah li l-vettura ma kienitx imhallsa. Talbu d-dettalji u pprezentalu l-karta ta identita tieghu u rrizultalu li huwa John Mary Falzon ID 616656M. Kien hu stess li eleva l-licenzja tac-cirkolazzjoni minn mal-windscreen u osserva li kellha zewg numri 22 tal-karta imwahla fuq il-licenzja bhalikieku tiskadi f'Dicembru 22. Osserva ukoll li mbaghad kien hemm nota li VRT hu necessarju sa Dicembru, 2015. Jghid ukoll li gibed ritratt tal-van numru ta' registrazzjoni LAB 724 li gie prezentat u markat bhala Dok JG2.[3] Ipprezenta ukoll ritratt tat-tabella li turi zona pedonali li gie markat bhala Dok JG3[4] .

John Mary Falzon kien akkompanjat minn Thomas Farrugia u dan Falzon intalab jmur l-ghassa tal-pulizija, M'forn fejn fil-prezenza tal-Ispettur Gab Gatt u PC 592 Portelli gie mgharraf bid-drittijiet tieghu. Huwa ghazel li jkellem lill-avukat tieghu Dr Stephen Thake izda meta hu kellem lil Dr Thake dan irrifjuta li jghatih l-assitenza ghaliex jahdem biss fic-civil. Dak il-hin Falzon stqarr li ma kienx jaf min ser jaqbad bhala avukat u gie avzat li l-unika mistoqsija li kien ser jigi mistoqsi hu jekk kienx baghbas l-licenzja tac-cirkolazzjoni. Gie mgharraf li seta ma jwegibx il-mistoqsija. Hareg ricevuta ghal-licenzja tac-cirkolazzjoni li Eleva. Falzon ghazel li ma jiffirmax ir-ricevuta. Din giet markata bhala dok JG4.[5]

Falzon gie mitlub igib tow truck halli jigbor il-vettura u fil-fatt mar towtruck tal-kumpanija Sultech li ttowja l-vettura mill-Menqa.

---

[2] Fol. 18 tal-atti
[3] Fol. 19 tal-atti
[4] Fol. 20 tal-atti
[5] Fol. 21 tal-atti

Fl-atti hemm esebit ukoll ir-*renewal notice* tal-polza ta' sigurta[6] li harget mis-socjeta Global Insurance Brokers fuq l-akkzuat fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni LAB 724 li tindika li l-vettura kienet koperta bi polza ta' sigurta sal-31 ta' Dicembru 2022, u kopja tal-okkorenza datata 4 ta' Settembru, 2022 redatta minn PS 1040 John Grima[7].

Illi nhar it-2 ta' Dicembru 2023 ix-xhud xehed viva voce u pprezenta ic-circulation tag li minn fuq vettura LAB 724 nahr is-7 ta Settembru 2022 waqt li kienet ipparkjata l-Menqa. Din giet impoggija f'borza ssgillata. Din tidher li hi mbaghbsa u giet markata bhala Dok JG. Mistoqsi jekk rax il-van ghaddej jghid li le, kien l-ghassa. Jghid li rawh PC 76 u PC 592. Qal li Falzon kien ipprezentalu l-licenzja wara li kien mar Malta u din giet markata bhala Dok JJ5. Fl-ebda hin ma rah isuq.

Rat l-affidavit ta' **PC 592 Nathan Joe Portelli** esebit fl-atti fejn spjega li nhar l-4 ta' Settembru 2022 fl-15.38 p.m waqt li jien foot patrol gewwa l-Menqa M'forn huwa flimkien ma' PC 76 Joseph Cini nnutaw vann mudell Ford Transit bin-numru ta registrazzjoni LAB 724 ipparkjat quddiem l-islipway biswit il-gabbana tal-gelati Granola.

Minhabba f'hekk huwa flimkien ma PC 76 resqu qrib il-vettura fejn kien hemm il-licenzja tac-cirkolazzjoni imwahla fl-gholi fuq il-lemin tal-windscreen. Ghalhekk tela' fuq it-tyre ta' l-istess vettura u innota illi kien hemm miktub *Dec Next VRT must be carried out within 90 days preceeding end of Dec 2015.* Ghalhekk huma kellhom suspett li jista' jkun li din il-licenzja imwahla kienet iffalsifikata. Hadu ritratt tal-licenzja biex ikunu jistghu jaraw ahjar peres li kient fl-gholi fejn gie innutat li n-numri 22 ta' Dec 22 possibilment maqtughin minn fuq licenzja ohra w imwahlin fuq din il-licenzja tac-cirkolazzjoni.

Ghalhekk PC 76 baqa' ghassa mal-vettura ghal sidha u huwa mar l-ghassa M'forn biex jipprova isib in-numru tal-mowbajl ta sid din il-vettura. Minn fuq is-sitema PIRS is-sid tal-vettura gie identifikat bhala John Mary Falzon. Ipprova icempel in-numru li telgha fuq is-sistema PIRS II li kien 99862512 izda kien kollu ghal xejn. Sadanitant

[6] Fol. 22 ta l-atti
[7] Fol. 23 tal-atti

Falzon mar mal-vettura fejn gie mitkellem minn PC 76 u identifika ruhu bhala sid u xufier ta l-istesss vettura.

L-istess John Mary Falzon gie akkompanjat minn Thomas Farrugia li kien rikeb mieghu go l-istess vettura, gewwa l-ghassa ta' M'forn fil-prezenza ta' l-Ispettur Gabria Gatt, PS 1040 u PC 592. Hawnhekk inghata id-drittijiet tieghu meta ghazel li jkellem lil Dr Stephen Thake izda meta Dr Thake gie mitkellem dan stqarr li huwa jahdem biss fic-civil. Hawnhekk gie mgharraf li setgha ma jwiegeb ghall-ebda domanda u fil-fatt hekk ghamel.

Il-licenzja tac-cirkolazzjoni giet mehuda minn PS 1040 John Grima u mpoggiha gewwa evidence bag u ffirmata minnu u minn PS 1040. Ta' dan inharget ircevuta lil John Mary Falzon li ukoll ghazel li ma jiffirmax il-kopja taghha. Il-vettura giet ittowjata minn fuq il-post minn tow truck privat imqabbad minn John Mary Falzon.

Rat l-affidavit ta PC 76 Joseph Cini prezentat fl-atti a fol. 35. Jghid li nhar l-4 ta' Settembru, 2022 ghall-habta ta 15.28 p.m waqt li kien ma PC 592 Nathan Portelli fuq ronda l-Menqa, M'forn osservaw van Transit reg no. LAB 724 ipparkjat fuq slip way u f'zona li ma jistax isir ipparkjar. Minhabba f'hekk avvicina l-van Transit u nnotaw li l-licenzja tac-cirkolazzjoni li kellu imwahla n-naha tax-xellug tal-windscreen bis-serial no K635115 kienet imbaghabsa peress li  kellha zewg numri 22 tal-karta imwahla fuq il-licenzja bhalikieku tiskadi f'Dicembru 22 gie innutat ukoll  li mbaghad kien hemm nota li l-VRT hu necessarju sa Dicembru 2015 ghalhekk tqanqal suspett li l-licenzja tac-cirkolazzjoni ma hiex imhalsa.

Fil-fatt mill-ewwel stharrig rrizulta li Van Transit regno LAB 724 huwa egistrat lil John Mary Falzon. Irrizult aukoll li l-licenzja tac-cirkolazzjoni skadiet fil-31 ta Dicembru 2020. PC 592 ha ritratt tal-licenzja tac-cirkolazzjoni imwahla mal-windscreen. Sakemm ippruvaw jaghmlu kuntatt mas-sid gew innutati zewg persuni li wiehed minnhom fetah il-van. Gew avvicinati minnufih fejn irrizulta li min fetah il-van hu John Mary Falzon sid il-van u ukoll ipprezenta karta ta identita bhala prova ta identifikazzjoni. Il-licenjza tac-cirkolazzjoni giet elevata minn PS 1040. Huwa gie mitlub jmur l-ghassa fejn tkompla l-istharrig.

Rat ix-xhieda ta' **Saviour Farrugia** rappresentant ta Transport Malta u spjega li l-vettura LAB 724 Ford Transit qieghda fuq John Mary Falzon ID 616656M u ilha fuqu minn 27 ta Gunju, 2007. Gie mitlub jixhed fuq ricevuta road license bin-numru K635115 u qal li din harget fil-31 ta' Dicembru 2014. Huwa eebixxa dokument li gie mahrug minn Transport Malta u gie markat bhala Dok SF li tindika l-istorja tal-vettura LAB 724.

L-akkzuat ghazel li ma jixhedx kif del resto kellu kul dritt u statement tieghu mehud *a tempo vergine* tal-investigazzjoni ma jirrizultax li ittihed.

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel lok l-akkzuat jilmenta mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ghaliex in-numru tal-vettura in desamina huwa zbaljat fis-sens li fil-komparixxi il-vettura giet identifikata bin-numru LAB 742 waqt li in-numru tal-vettura gie identifikat differenti fl-affidavit ta PS 1040 kif del resto hija murija ukoll fir-ritratt mehud tal-licenzja a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe bhala numru LAB 724, kif ukoll fl-afficavit ta PC 592 fejnjirreferi ghan-numru tal-vettura bhala LAB 724, fl-affidavit ta PC 76 li ukoll jirreferi ghan-numru bhala LAB 724.

Illi xehed Saviour Frrugia ghal Transport Malta fejn ikkonerma li n-numru tal-vettura li tghajjat lill-akkzuat huwa LAB 724 kif del resto jirrizulta bic-car fid-dokument esebit u markat bhala dok SF.

M'hemmx dubju ghalhekk li l-vettura kellha n-numru LAB 724. Illi l-appellant qed jghid li l-ewwel Qorti ma messitx sabet htija fir-rigward tal-akkuzi minhabba dan in-nuqqas lampanti fuq ic-citazzjoni u cioe ghaliex il-vettura giet markata b'mod erronju u ghalhekk jghid li ma setax jiddefendi lilu innifsu sew.

Dwar dan il-qorti tipprovdi s-segwenti.

**L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk :-**

> *(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b'ordni bil-*

*miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.*

*(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseuta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Marvin Speranza** moghtija nhar id-19 ta' Dicembru 2019 fejn ghamlet referenza ghal insenjament tal-Qrati dwar l-interpretazzjoni li ghandu jinghata lill-artikolu 360 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Meta ġew biex jinterpretaw l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, dawn il-Qrati tradizzjonalment għalmu li ċ-ċitazzjoni hija *avviso a comparire.* L-appellant jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et,***[8] fejn dik il-Qorti, wara li wkoll għamlet eżami tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali u għamlet ukoll riferenza għal diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati li ddipartew mill-ġurisprudenza dwar il-karatteristika tal-avviż bħala merament *avviso a comparire*.

Kien hemm każijiet fejn dawn il-Qrati iċċensuraw indikazzjonijiet ħżiena fiċ-ċitazzjoni bħal fl-indikazzjoni tal-ħin li setgħu faċilment ġew korretti mill-Prosekuzzjoni fuq talba appożita.[9] Pero kien hemm ukoll każijiet fejn l-aggravji kienu jiċċentraw dwar indikazzjoni ħażina fl-avviż tal-ħin li fih ikun seħħ l-allegat reat (eżempju varjazzjoni b'xi tnax il-siegħa) u li bdew jiġu milqugħa. L-argument imressaq f'dawn il-każijiet huwa li kien dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li jekk kien hemm xi żball fl-avviż, din kellha tagħmel talba apposita għall-korrezzjoni

[8] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.
[9] **Il-Pulizija vs Nicolai Magrin** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-17 ta' Marzu 2008.

tempestivament.[10] Din il-posizzjoni aħħarija ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża **Il-Pulizija vs Warren Piscopo**[11] nonche fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Theuma**.[12]

Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et**,[13] din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet aggravju li kien jilmenta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lill-imputati ħatja ta' reat li fl-avviż kien indikat li seħħ fi Triq San Duminku kantuniera ma Triq il-Merkanti, Valletta, mentri fil-fatt il-post fejn allegatament seħħ ir-reat mill-provi ħareġ li l-faċċata tal-fond fejn allegatament seħħ ir-reat kien fi Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien li:

> *Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.*

Minn eżami tal-ġurisprudenza jidher li dwar dan il-punt hemm veduti differenti fuq it-tifsira li għandha tingħata lill-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali li jirrifletti wkoll filosofija differenti dwar dak li fin-natura tagħha hija ċ-ċitazzjoni fil-proċediment sommarju. Dawn iż-żewġ posizzjonijiet legali għandhom ukoll veduta differenti dwar min għandu l-oneru jaġixxi fil-każ li jiġi skopert divarju bejn il-kontenut tal-avviż u l-provi riżultanti. Filwaqt li l-posizzjoni ġurisprudenzjali tradizzjonali tipprospetta li ċ-ċitazzjoni hija sempliċi sejħa għal dehra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bil-

[10] **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'Ottubru 2005.
[11] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[12] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[13] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.

konsegwenti proċeduri proprji jkunu bażati fuq il-kwerela jew denunzja li jiġu esposti *viva voce* quddiem il-Qorti, il-posizzjoni aktar reċenti tikkonsidra liċ-ċitazzjoni bħala dokument bażiku għall-imputazzjoni ta' reati kriminali li, għalkemm trid tiġi moqrija fil-Qorti, xorta waħda fin-natura tagħha tfassal l-imputazzjoni li tista' twassal għall-eventwali kundanna li magħha tinġarr sanzjoni penali. In kwantu tali, dan id-dokument kellu jkun redatt b'mod korrett u dan id-dmir jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, li għandha wkoll id-dmir tara li l-provi miġjuba minnha jkunu jaqblu ma dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Fil-każ li jkun hemm diskrepanza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li, fi stadju opportun, titlob korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u tkompli għaddejja bil-provi tagħha fil-każ.

Din il-veduta aktar reċenti żżomm quddiem għajnejha l-fatt li r-realta legali Maltija attwali hija differenti minn dik li kienet prevalenti fi żminijiet ta' qabel peress li illum il-Qorti tal-Maġistrati għandha kompetenza oriġinali li tista' twassal għal sentenzi ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn. Għalhekk il-proċediment sommarju tal-lum jolqot firxa ferm aktar wiesa' ta' reati kriminali li wħud minnhom, fi żminijiet passati setgħu jiġu mmexxija biss b'ġuri. B'hekk diversi reati li aktar minn mitt sena ilu kienu jiġi trattati bil-forma solenni tal-att tal-akkuża, illum il-maġġor parti tagħhom huma trattati bil-forma aktar sempliċi taċ-ċitazzjoni u fil-każijiet kongruwi segwita bin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Apparti minn hekk anke grazzi għall-iżviluppi li saru fil-qasam tal-jeddijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dak li jipprevedi l-artikolu sitta (6) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, nonche l-każistika dejjem tikber maħruġa mill-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu dejjem tisħaq fuq l-importanza ta' proċess kriminali ġust sa minn qabel ma persuna tkun tresqet il-Qorti. Dawn l-iżviluppi wkoll kienu impensabbli aktar minn mitt sena ilu.

Mill-banda l-oħra, l-ġurisprudenza tradizzjonali għandha l-egħruq tagħha mhux biss fil-prattiċi legali Maltin kif bażati fuq is-sistema proċedurali Ingliż li minnu l-att ġudizzjarju taċ-ċitazzjoni ġie meħud. L-*iter* travaljat ta' dan l-artikolu 360(2) tal-Kodiċi

Kriminali ġie traċċat mill-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija minnu presjedenti l-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Arthur S. Mortimer** deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 1948. Huwa jispjega li l-artikolu 360(2)[14] kien ġie miżjud bl-Ordinanza IX tal-1911. Qabel din iż-żieda dan l-artikolu kien jipprovdi biss li meta ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex persuna titressaq bl-arrest, il-Pulizija Eżekuttiva kellha tħarrek lill-imputat b'ordni bil-miktub sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fl-ismijiet Il-Pulizija vs Spiru Spiteri deċiża nhar it-18 ta' Marzu 1955 l-Imħallef William Harding spjega wkoll li fis-sentenza **Terreni vs Gabaretta**, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta'Ġunju 1880 il-posizzjoni dwar iċ-ċitazzjoni dak iż-żmien kienet illi ma kienx indispensabbilment neċessarju li l-Qorti tal-Maġistrati żżomm strettament u preċiżament mat-termini oriġinali taċ-ċitazzjoni anche meta l-proċediment ikun *ex officio*. Sir Antonio Micallef żied jgħid ukoll li l-Qorti setgħet fi kwalunkwe każ serenament tistrieħ fuq il-provi riżultanti wara li tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni; b'dan illi jekk il-Qorti jkun jidhrilha meħtieġ jew jekk issirilha talba għal dak il-għan mill-imputat, hija kellha takkorda ftit żmien lill-imputat biex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu fuq dak li jkun irriżulta mill-provi.

Bil-bidla li kienet saret fl-1911, din il-posizzjoni legali dwar l-għan taċ-ċitazzjoni ma nbidletx. Dak li kien inbidel huwa l-forma tagħha intiża biex tipprovdi lill-imħarrek aktar dettalji b'mod li huwa jkun jaf aħjar dwar dak li jkun ġie mħarrek dwaru.

Mid-dibatti tal-Kunsill tal-Gvern li waslu għal din l-emenda jirriżulta li l-iskop wara din l-emenda ma kienx li jibdel dak li sa dak iż-żmien kienet il-posizzjoni legali relattiva għaċ-ċitazzjoni u ċjoe li tkun isservi biss ta' mezz li bih persuna tiġi preżentata quddiem l-awtorita ġudizzjarja; u mingħajr ma din iċ-ċitazzjoni tiġi mqiegħda fuq l-istess livell tal-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Ma kienx intiż li ċ-ċitazzjoni

[14] Fi żmienu l-artikolu 372(2) tal-Kodiċi Kriminali.

tingħata l-forma solenni li kellu jingħata lill-att tal-akkuża. Anzi skont l-Avukat tal-Kuruna li pparteċipa fid-dibattiti dwar din l-emenda saħaq li ċ-ċitazzjoni ma kellhiex tkun meqjusa bħala intimazjoni ta' imputazzjoni – *La citazione nella sua essenza non e' la intimazione di una imputazione* – ġie kwotat jgħid. Anżi huwa proċediment differenti minn dak li jsir quddiem il-Qorti Kriminali in kwantu huwa proċediment sommarju. L-Avukat tal-Kuruna saħaq li l-imputazzjoni vera hija dik li tiġi proposta quddiem il-Qorti *viva voce* mill-Prosekuzzjoni kontra tal-imputat. Id-dibattitu bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ma jseħx grazzi għaċ-ċitazzjoni iżda jseħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-kwerela u bl-esposizzjoni tal-fatti magħmula quddiem il-Qorti da parti tal-Uffiċjal Prosekutur. Bis-sistema viġenti qabel l-1911, l-imputat kien jirċievi ċ-ċitazzjoni mingħajr ma kien ikollu indikazzjoni biżżejjed biex ikun jaf għal xiex ried jirrispondi quddiem dik il-Qorti u għalhekk kien jinħela l-ħin f'differimenti biex ikun jista' jipprepara u jiddefendi ruħu. Kien għalhekk li l-Avukat tal-Kuruna kien ħass li kien aktar għaqli li filwaqt li ċ-ċitazzjoni tibqa' dejjem dokument li bih imputat jiġi msejjaħ jidher il-Qorti, fl-istess waqt kien meħtieġ li l-imputat ikollu informazzjoni biżżejjed minn qabel biex ikun jaf b'xiex inhu mixli biex b'hekk jitla' l-Qorti preparat għall-kawża tiegħu.

Kemm fis-sentenza **Mortimer** kif ukoll fis-sentenza Spiteri l-Imħallef Harding imbagħad jiċċita s-sentenza tal-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża **La Polizia vs Ashby** deċiża fit-12 t'Awissu 1917 fejn l-Imħallef Sir Luigi Camilleri kien iddeċieda li l-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali **ma kienux essenzjali**. Iċ-ċitazzjoni ma kienet xejn ħlief l-ordni mogħtija mill-Pulizija lill-imħarrek sabiex huwa jidher il-Qorti f'data u ħin mogħtija lilu meta ma jkunx hemm lok li huwa jittieħed il-Qorti taħt arrest. Dak kien l-iskop u l-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni. L-emendi li kienu saru fl-1911 ma kienux tali li jibdlu din il-posizzjoni legali għalkemm kienu intiżi biex jagħtu aktar informazzjoni lill-imħarrek biex qabel jitla l-Qorti jkun jista' jipprepara d-difiża tiegħu.

L-Imħallef Harding f'dawn iż-żewġ kawżi jtenni li din hija interpretazzjoni li hija konsonanti mal-interpretazzjoni mogħtija lill-kunċett taċ-ċitazzjoni skont il-Liġi

ingliża li minnha l-Liġi Maltija hija mnissla. Huwa jtenni li ma jistgħux jitqajmu u jintlaqgħu oġġezzjonijiet għal difetti fil-forma jew fis-sustanza tal-avviżi. Dak li kellu dritt għalih l-imputat fl-avviż huwa *reasonable information as to the nature of the charge*. ***Reasonable*** trid tiġi mifhuma fil-kuntest taċ-ċitazzjoni, *ergo* fil-kuntest ta' proċediment sommarju. Jekk tirriżulta varjanza tali li l-Ġudikant jidhirlu li minħabba fiha l-ġudikabbli jkun ġie ***decieved or misled*** allura f'dak il-każ, il-ġudikabbli jkollu dritt li jitlob, u jingħata mill-Qorti, differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu minħabba l-varjanza li tkun irriżultat. U huwa għalhekk li ma tistax tiġi invokata n-nullita taċ-ċitazzjoni sempliċiment minħabba li jkun hemm differenza, ***variance*** bl-Ingliż, bejn l-avviż u l-provi li jitresqu fil-kawża.

Apparti minn hekk il-Liġi tippermetti wkoll li jsiru korrezzjonijiet f'dawn il-partikolaritajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u fil-kwereli. Dan ukoll ġie deċiż mill-Imħallef Harding fis-sentenza tiegħu **Consiglio Mangion nomine vs Turu Callus et** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 t'April 1948. L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali bl-ebda mod ma jostakola tali korrezzjonijiet. Għal massimu f'każ ta' talba għal korrezzjoni l-imputat ikollu dritt li jitlob, u jaqla' differiment tal-udjenza biex ikun jista' jirregola ruħu. Il-loġika wara din il-posizzjoni hija wkoll għaliex jekk minħabba tali varjanzi l-imputat ikun ġie *misled* jew *deceived*, huwa għandu dritt li jkollu żmien jiddefendi ruħu. Apparti minn hekk il-Kodiċi Kriminali kien jippermetti korrezzjoni tal-att tal-akkuża, dokument solenni a differenza taċ-ċitazzjoni. Għalhekk kien ikun illoġiku li jkun hemm *technical strictness* akbar fil-każ taċ-ċitazzjoni li huwa dokument mhux solenni, mentri jkun hemm lok għal possibilta ta' korrezzjoni fil-każ ta' dokument solenni bħal ma huwa l-att tal-akkuża.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Mifsud** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell minn sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati nhar is-16 ta' Mejju 1953, dik il-Qorti presjeduta wkoll mill-Imħallef William Harding daħlet fil-kontroversja meta jkun hemm diskrepanza fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta mill-provi. F'dan il-każ, dik il-Qorti ddeċidiet li l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li fiċ-

ċitazzjoni jingħataw partikolaritajiet dwar iż-żmien. B'dan il-Liġi riedet tifhem li ż-żmien setgħa jiġi kostittwit mix-xahar u mill-ġurnata jew mid-data tax-xahar u mis-sena iżda mhux neċessarjament ukoll mill-ħin – għalkemm dan ikun għaqli biex l-informazzjoni fiċ-ċitazzjoni tkun kemm jista' jkun ċara u univoka.

Kif imtenni fis-sentenza Il-Pulizija vs. Bartoli deċiża minn dik il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 1938 l-att taċ-ċitazzjoni tnissel mill-Liġi ingliża li kienet teħtieġ li ċ-ċitazzjoni jkun fiha *reasonable information as to the nature of the charge*. U li jekk b'dik l-informazzjoni skorretta l-imputat kien iħoss li ġie *misled* jew *deceived*, huwa dejjem kellu l-jedd li jitlob li jingħata differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi lilu nnifsu aħjar. F'dak il-każ, irriżulta li l-imputat kien ikkontesta l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kien wera ben tajjeb li kien jaf għall-liema ċirkostanzi l-imputazzjoni kienet tirreferi u għalhekk ma kienx hemm lok li l-aggravju tiegħu fuq id-difett fiċ-ċitazzjoni jiġi milqugħ.

Fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**</u> aktar il-fuq imsemmija kienet saret talba għal bidla fl-imputazzjonijiet billi mad-data tiżdied il-frażi "fl-aħħar tliet xhur qabel". Din it-talba <u>**saret wara**</u> li kienu ingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Id-Difiża oġġezzjonat għal tali bdil iżda l-Qorti tal-Maġistrati kienet laqgħet it-talba għal tali bdil. Dan wassal għal dak l-appell. Il-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef William Harding, ħadet l-istess posizzjoni bħal fil-kawżi ***Mortimer***, ddeċidiet li l-posizzjoni dwar l-avviż bħala *avviso a comparire* kienet konsolidata b'diversi ġudikati tal-appelli kriminali fosthom ***La Polizia vs Debono*** tat-12 ta' Jannar 1918, ***Carabott vs Galea*** tat-12 t'Awissu 1918, ***Il-Pulizija vs Carmelo Mariani*** deċiża 12 ta' Ġunju 1942, u tal-Qorti Kriminali kolleġjalment komposta fl-ismijiet <u>**Ir-Reġina vs Cutajar**</u> tat-13 ta' Diċembru 1954. Dik il-Qorti ddeċidiet li, in bażi għal dak stabbilit bil-kawża ***Ashby***, iċ-ċitazzjoni ma tistax titqabbel mal-att tal-akkuża u n-nuqqas ta' partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali ma kienux iġibu n-nullita taċ-ċitazzjoni, liema nuqqas jista' biss jintitola lill-imputat li jitlob u jottjeni differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

Din il-posizzjoni legali relattiva għall-istatus legali taċ-ċitazzjoni bħala merament *avviso a comparire* baqgħet tiġi segwita mill-Qrati Maltin kostantement, inkluż kważi verbatim mill-Imħallef Wallace Gulia fil-kawża **Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-19 ta' Ġunju 1989.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Godwin Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Jannar 2003 kienet ukoll għamlet riferenza għal diversi sentenzi preċedenti u qalet hekk : -

> *6. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:*
>
> *"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:*
>
> *"'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'*
>
> *"Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:*
>
> *"'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma*

*hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."*

*"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl- ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:*

*"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal- proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall- imputazzjoni dedotta.*

*"'.....*

*"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l- ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic- citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

*"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis- sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Schembri moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:*

*"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il- htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"*

*7. Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-hin, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"hin" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid "f'dawn l- ahhar gimghat" li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (is-6 ta' April 2011). Huwa minnu li fic- citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, apparti li l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema xatba kienet qed issir referenza fic-citazzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement it- talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.*

Fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Joseph Zahra</u>** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 t'Awissu 2003 ġie deċiż illi :

*L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx*

*ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l- ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal- prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il- provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c- "cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l- appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.*

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Portelli** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-3 ta' Marzu 1992, ġie deċiż li n-nuqqas tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx iġġib in-nullita taċ-ċitazzjoni; għalkemm id-difett tagħhom jista' jġib in-nullita' fil-każ li jirrendi l-imputazzjoni inċerta. Iċ-ċitazzjoni pero xorta kienet tirrikjedi li jkun fiha fatti tal-akkuża li tiġbor fiha r-reat jew reati ipotizzati u li eventwalment ikunu jridu jiġu moqrija fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali skont il-każ. Iċ-ċitazzjoni għalhekk xorta waħda ried ikollha fiha l-fatti li

juru ċar ir-reat li bih persuna tkun qed tiġi mixlija u dan għandu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni u b'tali mod li l-imputat ikun jaf dwar liema reat jew reati jkun qed jiġi mixli bihom u għal liema reat għandu jwieġeb.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Jannar 2016, ġie deċiż li għalkemm ma kienx hemm dubju li "għall-ħabta tal-11.00" mhuxwiex l-istess bħal "għall-ħabta ta 14.00", l-anqas ma kien hemm dubju li l-appellant kien jaf sew għall-liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Apparti minn hekk fil-kawża **Il-Pulizija vs. Alfred Grixti** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 ta' Marzu 2018 differenza fil-komparixxi bejn l-isem Mary u Maria kienet ritenuta bħala li ma taffettwax l-imputazzjoni u l-aggravju relattiv ġie miċħud.

Minkejja l-iżviluppi li saru fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, il-Liġi Maltija xorta baqgħet imfassla fuq il-prinċipji li Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tinvestiga u tixli lil persuni suspettati li jkunu wettqu reati kriminali li jkunu jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati jew bl-arrest jew bil-mezz taċ-ċitazzjoni skont il-każ. Il-Liġi regolanti ċ-ċitazzjoni u l-konsegwenti proċedura applikabbli baqgħet sostanzjalment l-istess minkejja d-differenza fil-kompetenza aktar il-fuq imsemmija.

Ladarba l-Prosekuzzjoni tixli, hija għandha r-responsabbilta' li tara li dak li tixli bih ikun korrett. Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, dawn fihom infushom ma jġibux in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza. Iżda l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jara li jekk ikun hemm tali żbalji jew ineżattezzi, dawn għandhom jiġu korretti. Dan huwa possibbli u l-ġurisprudenza relattivament reċenti issaħħaħ dan. Fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glen Debattista** tat-23 ta' Diċembru 2003 din il-Qorti diversament presjeduta saħqet hekk : -

> *L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati seriatim. L-ewwel aggravju hu fis-sens li "l- akkuza" kienet nulla, u dan*

*peress li fic-citazzjoni ma kienx hemm indikazzjoni "tal-fatti" kif preskritt fl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh. Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti ta' l-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk ta' l-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis- subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken*

*indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l- fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li l-posizzjoni hija differenti meta si tratta tal-forma aktar solenni tal-Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali – hawn il- legislatur kjarament jiddistingwi bejn "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat" u "r-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi" – paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 589. Pero` anke hawn tista' issir korrezzjoni skond ma jipprovdi l-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, salv ghas-sitwazzjoni prevista fil-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.*

Din il-Qorti taqbel mal-pozizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-*ius receptum,* tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[15] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance* ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

---

[15] skont l-artikolu 374(*i*)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti *ex officio* bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

Dan għaliex jekk tirriżulta li xi wieħed minn dawn il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx jaqbel mal-provi prodotti, dan ma jġibx in-nullita tal-avviż. Ikun ifisser li dak li l-imputat ikun irid jirrispondi għalih u jiddefendi ruħu minnu irid ikun b'riferenza għal dawk il-fatti li jirriżultaw mill-provi. U huwa għalhekk li, fi proċediment sommarju fejn id-differimenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, l-imputat ikun jista' jitlob li jingħata differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu b'dawk iċ-ċirkostanzi ġodda li jkunu rriżultaw u dan biex jiġi evitat kwalunkwe ombra li biha jkun jista' jiġi *deceived* jew *misled*. Dment li huwa jingħata l-opportunita sħiħa li jiddefendi ruħu mill-istat li jkun irriżulta mill-provi, l-imputat ma jistax iressaq ilment.

Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss *variance*, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. *Variance* tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi,[16] allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri tal-azzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum. F'dan il-każ pero il-varjanza kienet żgħira u suffragata mill-provi riżultanti, inkluż mill-azzjoni u x-xiehda tal-appellant innifsu u mix-xiehda tal-prosekuzzjoni u tal-parte

[16] Ara **Il-Pulizija vs Joseph Calleja et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-5 ta' Frar 2016 fejn il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li kien qiegħed jikkommetti reat minħabba storbju ġenerat minn generator ta' bastiment li kien jinsab f'baċir numru 5 tat-Tarzna mentri mill-provi fattwali u tekniċi rriżulta li l-ħsejjes disturbanti kienu ġejjin minn parti oħra tal-port, possibilment minn baċir numru 6 u ġenerati minn bastiment ieħor li ma kellux x'jaqsam la ma' dak imsemmi fl-avviż u l-anqas mal-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

civile. Għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi f'din il-kawza id-diskrepanza hija biss bazata fuq in-numru tal-vettura u dan ghaliex filwaqt li l-provi kollha juru li l-vettura ghandha in-numru LAB 724 fil-komparixxi hemm imnizzel LAB 742. Mhemmx dubbju li danhu lapsus calmani u di piu hijanegiglenza kbira da parti tal-proskeuzzjoni li ma talbitx korrezzjoni fil-mori tla-kawza quddieml-ewwel qorti. Pero min naha l-ohra id-difiza ma uritx li ma kienix taf fuq xhiex qed jigi akkuzat l-appllant tant li anke domandi in kontro esami lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ghamlet u ghalhekk dan l-izbal fin-numru tal-vettura bl-ebda mod ma ippregudikat id-difiza tal-appellant.

In linea preliminari l-appellant jistqar ukoll li l-appellant ma setghax jinstab hati tal-ewwel akkuza u dan ghaliex fil-komparixxi l-prosekuzzjoni semmiet bhal artikolu tal-ligi li jabbraccja l-akkuza bhala dak ta' 188 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta meta kif stqarret l-ewwel qorti stess l-artikolu tal-ligi li kellu jigi citat huwa 189 tal-kodici Kriminali. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-pulizija vs Gaetano Portelli</u>** [17]moghtija minn din il-Qorti divesament preeduta fl-ismijiet fejn inghad is-segwenti:

> *Dwar dana l-ahhar aggravju, din il-Qorti tosserva li dana huwa aggravju fieragh. L-indikazzjoni, da parti tal-Pulizija Ezekuttiva, fuq il-komparixxi ta' xi disposizzjonijiet tal-ligi ma hix parti mill-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Imputazzjoni tigi formulata billi jissemmew "il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw" – ara l-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 374(i)(i) tal-istess Kodici. Spetta ghall-qorti, u mhux ghall-Pulizija Ezekuttiva, li tiddetermina ghal liema reat jew reati jammontaw dawk il-fatti imputati. Ghalhekk, il-fatt li l-Pulizija, fuq il-komparixxi, tindika*

[17] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-22 ta' Ottubru 2001

> *artikolu wiehed jew aktar tal-Kodici Kriminali b'ebda mod ma jfisser li l-qorti tkun marbuta li tara biss dawk l-artikoli hekk indikati.*

Ghalhekk il-fatt li l-prosekuzzjoni setghet iccitat l-artikolu zbaljat tal-ligi ma irendix ic-citazzjonni nulla u lanqas ma iwassal ghal xi liberatorja kif sostna l-appellant. Pero f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma iccitatx l-artikolu tal-ligi hazin izda jidher ir-reat gie moghtifil-konfront tal-appellant kien qiehed zbaljat ghaliex kif stqarret l-ewwel qorti u ma dan din il-qorti taqbel l-imputat appellant messu gie akkzuat bir-ret kif dispost fl-artikolu 189 tal-kap 9 tal-ligjiet ta' malta li jipprovdi s-segwenti:-

> *Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel…….*

Din il-Qorti ma taqbilx ma l-ewwel Qorti li mid-dicitura tar-reat kif moghti l-appellant fehem ta xhiex kien qed jigi akkuzat. L-appellant ghanu jwiegeb biss ghar-reati li gie notifikat bihom. F'dan il-kaz huwa car li r-reat li l-rposkeuzzjoni akkuzat l-appellant kien dak that l-artikolu 188 tal-kap 9 u cioe talli ghamel Dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika. L-artikolu li messu gie citat u cioe l-artikolu 189 jipprovdi ghar-ret ta' Każijiet oħra ta' falsifikazzjoni u użu ta' dokumenti foloz. F'dawn iz-zewg reati l-lementi li l-proskeuzzjoni ghandha tipprova huma differenti u ghalhekk l-appellant zgur li ma kienx qed jiddefendi lilu innifsu ghar-reat iehor li ma kienx gie akkzuat bih. Konsegwenetement din il-Qorti qieghda tilqa' l-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward u tiddikjara li ma hiex qed issib lill-appellant hati tar-reat kif previst fl-ewwel akkuza.

Dwar it-tieni akkuza l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati u appell min naha tal-Avukat Generali ma giex intavolat u ghalhekk mhiex ser tikkumenta ulrejorment dwar din l-akkuza.

It-tielet akkuza li taghha l-appellant instab hati titratta dwar dhul f'lokalita f'hin u cirkostanzi meta kien hemm sinjal li juri li f'dan il-hin ta' 15.38 p.m ma setghax isir dhul. Jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija li dakinhar tal-4 ta' Settembru, 2022 kien hemm

xi pulizija li kienu qed jghamlu xi ronda bil-pass u raw vettura tal-ghamla Toyota van bin-numru ta' registrazzjoni LAB 724 fl-*islip way* tal-Menqa ta' M'form.

PS 1040 esebixxa ritratt li ma giex kontetat mill-partijiet li jindika li f'dik l-ekwata hemm tabella li tindika no entry bil-kliem *pedestrian zone, No parking at all times unloading or to render a service* 04.00 a.m sa 12.00 p.m u 17.00p.m sa 18.00 p.m. Illi l-vettura tal-appellant instabet f'din il-lokalita ghall-habta ta' 15.38 p.m u ghalhekk zgur kontra dak dispost f'din it-tabella li ma setghax isir parkegg f'din iz-zona.

L-appellant jghid li l-prosekuzzjoni naqset milli tistaqsi jekk l-appellant dahalx bil-vettura f'dak il-lok. Bir-rispett kollu din il-qorti ma taqbilx ma dan ir-ragunament ghaliex l-fatt li l-vettura in kwistjoni instabet f'dik iz-zona f'dak il-hin *ut sic* ifisser li l-kontravenzjoni sehhet. Il-fatt li l-appellant jghid li ghandu disabilita u ma ghandu problemi fil-mixi bl-ebda mod ma jfisser li jista jikser il-ligi sabiex jipparkja aktar vicin fejn jixtieq jmur. Il-ligijiet qedin hemm biex jigu segwiti minn kulhadd anke minn min ghandu probema ta' mobilita.

Peress illi din il-qorti qed timmodifika is-sentenza appellata ser ikun hemm ukoll temperament fil-piena. Dwar it-tielet akkuza din il-qorti rat LS 65/05 u l-kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u appuntu l-artikolu 55li jipprovdi is-egwenti ai fini ta' piena:-

> *55.(1) Bla ħsara ta' kull provvediment ieħor ta' din l-Ordinanza, kull persuna li tagħmel reat kontra xi regolament magħmul taħt l-artikolu 54 għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-pieni kif stabbiliti għal kontravvenzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali ,iżda kull piena bħal dik ma għandha tkun f'ebda każ anqas minn ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65):*

Ghalhekk din il-Qorti wara li tiddikjara li qed tichad l-appell tal-appellant fir-rigward l-aggravju li jikkoncerna l-ewwel akkuza stante li qed tilliberah minn tali akkuza qieghda timmodifika s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti b'dan illi qieghda tilqa' l-istess fil-konfront tas-sejba ta' htija tat-tielet akkuza u tikkundanna lill-appellant John

Mary Falzon ihallas  l- ammenda ta' hamsa u sebghin euro ( €75)  imsemmija fl-ewwel sentenza tal-Qorti.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**